MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 874/2008/1

**Andrew Hili**

**vs**

**Joseph Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Gunju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab il-hlas ta’ elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u wiehed u tletin centezmi (€1,823.31) rapprezentanti l-valur ta’ xogholijiet ta’ ‘*rebuilding*’ u ‘*conversion*’ ta’ vettura ta’ l-ghamla Land Rover ezegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, inkluz il-prezz ta’ ‘*parts*’ mixtrija mill-attur.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut; illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi nversament kif qieghed jigi allegat mir-rikorrent, l-intimat Bonnici hallas hu stess ghal '*parts*' u '*labour*' involuti fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAI-165, u dan direttament lill-istess rikorrent Hili kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-mori tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' u ra x-xhieda tal-partjiet kif ukoll ta' Ellen Bonnici.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ghal xogholijiet allegatament imwettqa mill-attur fuq vettura appartenenti lill-konvenut ta' l-ghamla Land Rover, numru ta' registrazzjoni AAI-165, u ghal-liema xogholijiet il-konvenut qal illi huwa hallas kemm ghal-'*parts*' u kemm ghall-'*labour*' u ghaldaqstant l-l-ebda ammont ma huwa dovut.

Illi mill-provi rrizulta illi l-attur gie nkarigat jaghmel xi xoghlijiet ta' zarmar u assemblagg ta' vettura, u ghal-liema xogholijiet l-attur ma thallasx. Illi mix-xhieda tal-attur inghad illi x-xoghol fil-Land Rover appartenenti lill-konvenut kien jinvolvi illi l-vettura tigi zarmata u tigi mibnija mill-gdid. Illi dan it-tip ta'

xoghol huwa xoghol partikolari u l-attur huwa specjalizzat fil-vetturi ta’ l-ghamla Land Rover. Illi l-vettura kienet ilha ghand l-attur ghal tlett (3) snin. Illi l-konvenut kien kera ‘*garage*’ hdejh u huwa kien imur jahdem fuq il-vettura fil-‘*garage’* tal-konvenut minn zmien ghal zmien. Illi l-attur ma kellux post fil-‘*garage*’ tieghu u ghalhekk il-konvenut kien kera l-‘*garage*’ hdejh. Qal ukoll illi originarjament il-konvenut kien kera l-*‘garage’* ghall-vettura teghu hdejn l-attur ghaliex il-konvenut ried jahdem fuqha huwa stess. Izda peress illi l-konvenut ma kienx tas-sengha, kien staqsha lill-attur sabiex ikompli jahdem fuqha huwa. Skont l-attur il-ftehim kien illi l-konvenut kellu jhallsu kull xahar ghax-xoghol maghmul minnu, u dwar ‘*labour*’ kienu ftehmu fuq rata ta’ hames Euro u tnejn u tmenin centezmi (€5.82) fis-siegha. Qal ukoll illi ghalkemm il-konvenut ken gieli hallsu, kien jonqsu jhallas l-ammont tat-talba. L-attur ipprezenta kopji ta’ fatturi originali mhux mghoddija lill-konvenut qabel il-ftuh tal-kawza. Illi l-konvenut stqarr illi huwa qatt ma kien rahom qabel u qatt ma gew mghoddija lilu. Jirrizulta illi dawn il-fatturi fi stat originali ghandhom mehmuza r-ricevuti originali. Ghandu jinghad illi skont l-attur, f’Novembru tal-2006, il-partijiet kienu lahqu ftehim fejn l-attur kien ha jkompli jahdem fuq il-vettura, izda ser jibda jithallas kull xahar. Illi ghalhekk skont id-dati tal-fatturi dawn inhargu wara Dicembru, 2006. Izda whud minn dawn il-fatturi jirreferu ghal xogholijiet li saru qabel Novembru, 2006, sahansitra xi xoghlijiet li saru fl-2005, u li allegatament ma thallsux.

Il-konvenut xehed illi huwa kien ihallas lill-attur regolarment, izda qatt ma talbu ricevuta ghall-hlasijiet li kien ghamel. Qal illi huwa kemm-il darba kien jippreleva mitt lira maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) direttament minn ‘*ATM machines*’ u li kien ihallas direttament lill-attur in kontanti minghajr ma jitolbu ricevuta. Qal ukoll illi

huwa kien hallas ghal xi '*parts*' huwa stess u taghhom ezebixxa r-ricevuti.

It-Tribunal ghandu kaz fejn l-attur accetta li jaghmel xoghol fuq il-vettura ta' klijent, u cioe' l-konvenut. Illi l-partijiet ghazlu illi joqghodu fuq il-kelma ta' xulxin, fdaw lil xulxin tul ix-xhur li kienu ghaddejjin u ma hassewx il-htiega illi jnizzlu xejn bil-miktub. Qatt ma ntalbet fattura u lanqas ricevuta u ghalhekk iz-zewg partijiet m'ghandhomx rendikont reali ta' x'kien thallas fil-fatt.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg (2) versjonijiet konfliggenti. Illi ma jirrizultax lit-Tribunal illi l-partijiet kellhom xi ftehim bil-miktub. Illi jidher li huwa minnu illi x-xogholijiet hadu fit-tul. Illi ftehim sakemm kellhom isiru x-xoghlijiet fuq il-vettura ma kienx hemm. Kien biss ghal habta tat-tieni nofs tal-2007, illi l-konvenut ma riedx illi l-attur jahdem fuq il-vettura tieghu. Illi mid-dokumenti ezebiti, l-attur ipprezenta biss originali tal-fatturi li, semmaj jippruvaw illi l-konvenut qatt ma gie moghti kont. Illi l-attur setgha facilment jhalli l-fatturi fil-garaxx mikri lill-konvenut fiz-zmien. Illi ma jirrizultax lit-Tribunal illi l-attur ezebixxa kopji ta' xi fatturi ghal xogholijiet maghmula qabel u li gew imhallsa, hlief ghal kwazi '*full payment*' ta' fattura mahruga wara Jannar, 2007. Illi min naha l-ohra l-konvenut ma ezebixxiex kopji ta' fatturi jew ricevuti li wasslu lilu mill-attur, u dan ghaliex fatturi ma kienux jinhargu lill-konvenut u lanqas ma kienu jinhargu ricevuti.

Bhala prova, l-attur ghazel li jezebixxi biss fatturi originali li ma kienu qatt gew mghoddija lill-konvenut, u dan ghaliex il-konvenut qatt ma mar ghall-fatturi. It-Tribunal ihoss illi kien ikun fl-interess tal-attur kieku dawn intbaghtu lill-klijent fil-hin u fiz-zmien illi kienu qieghdin jsiru x-xoghlijiet. Illi ghalkemm, il-ftehim kien illi l-attur kellu jghaddi fatturi lill-klijent kull xahar, dan ma sehhx.

Illi fil-fehma tat-Tribunal x-xhieda tal-attur fiha nkonsistenzi li ma jinkwadrawx il-verzjoni moghtija minnu. Illi t-Tribunal ihoss illi l-attur ma ggestiex il-kontijiet tieghu sewwa, tant illi fatturi mahruga f'nofs l-2007 kienu jsejjhu xogholijet ghal snin ta' qabel meta dawn suppost gew imhallsa. Tali konfuzjoni ma jghinx il-kredibilita' tal-attur.

Minn naha l-ohra l-konvenut qal illi huwa kien ihallas lill-attur regolarment izda qatt ma talab ricevuta, u hlief ghax-xhieda ta' omm il-konvenut fejn xehdet illi kienet tmur ta' spiss mieghu ghand l-attur u kienet tarah ihallsu, ma gab ebda prova ohra.

It-Tribunal ihoss illi fil-kaz quddiemu jezistu elementi ta' nkonsistenzi fiz-zewg partijiet. Illi x-xieda ta' l-attur u l-fatturi pprezentati minnu, ma jaqblux interament. Illi ghalkemm jghid illi kien hemm ftehim illi mill-ahhar ta' Dicembru, 2006, il-konvenut kellu jhallas kull xahar, l-attur ipprezenta kontijiet ghal xogholijiet li saru bejn Marzu tal-2005 u Dicembru, 2005, izda datati 3 ta' Settembru, 2007. Illi kontenut ta' fattura ohra datata fl-istess gurnata hemm imnizzel xoghol li sar bejn Jannar, 2006 u Dicembru, 2006. Illi fattura, li hija datata 22 ta' Mejju, 2007, tirreferi ghal xoghlijiet li saru f'Marzu, 2007 fejn l-attur thallas kwazi kollox hlief ghal hames liri Maltin (Lm5), ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmi (€11.65).

It-Tribunal ma jarax konsistenzi fil-fatturi kif mahruga mill-attur. Filwaqt illi johrog fattura fit-22 ta' Mejju, 2007 ghal mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm275), ekwivalenti ghal sitt mija u erbghin Euro u tmienja u hamsin centezmi (€640.58) u li din il-fattura thallset kwazi ghal kollox, jaghzel illi sitt (6) xhur wara johrog kontijiet ghal xoghlijiet li saru sena u sentejn qabel. It-Tribunal ma jifhimx ghaliex dawn il-kontijiet ma hargux fil-hin.

Illi huwa car u manifest illi l-attur m'ghandux sistema ta' kontabilita' serja. Illi t-Tirbunal jhoss illi z-zewg partijiet kkontribwew ghal konfuzjoni ta' hlasijiet jew nuqqas ta' hlasijiet skont il-kaz li rrizultaw.

Lit-Tribunal ghalhekk irrizultalu illi l-attur ma kellux sistema ta' kontabilita' serja u gieli hareg fatturi u gieli li le. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal '*arbitrio boni viri'* fic-cirkostanzi tal-kaz ser jemmen lill-konvenut meta jghid illi huwa gieli hallas lill-attur izda ma jemminx illi huwa hallas l-ammonti kollha mitluba mill-attur u jemmen illi kien jonqsu li jhallsu l-kontijiet. Illi l-fatt illi l-attur dam sabiex ilesti m'huwiex skuzanti sabiex il-konvenut ma jhallasx. Kellhom jiftehmu fuq data ghall-kompletazzjoni ta' xoghlijiet '*ab intio*'. Izda dan baqa' ma sehhx. It-Tribunal mill-banda l-ohra m'huwiex konvint illi l-fatturi kif mahruga mill-attur huma prova tax-xoghol li kien sar u li ma kienx ghadu thallas.

It-Tribunal jirrilleva illi l-fatturi pprezentati fit-total ma jaqblux mall-ammont tat-talba u jirreferu ghall-amont izghar.

Illi t-Tribunal m'huwiex ha jiehu in konsiderazzjoni l-fattura 453 988 datata 3 ta Settembru, 2007 ghal '*parts'* allegatament mixtrija mill-attur, izda li qatt ma ezebixxa ricevuti ghal tali spejjez, fl-ammont ta' mija u hamsa u sittin liri Maltin (Lm165), ekwivalenti ghal tlett mija u erbgha u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmi (€384.35). It-Tribunal m'huwiex ser jiehu in konsiderazzjoni il-fattura numru 453 987 datata 3 ta' Settembru, 2007 ghal xoghlijiet allegatamaent maghmula bejn Jannar, 2006 u Dicembru, 2006 fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm135), ekwivalenti ghal tlett mija u erbatax-il Euro u sebgha u erbghin centezmi (€314.47). It-Tribunal m'huwiex ser jiehu in konsiderazzjoni il-fattura numru 453 986 ghal xogholijiet allegatament maghmula bejn Marzu,

2005 u Dicembru, 2005 fl-ammont ta' tnejn u sittin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm62.50), ekwivalenti ghal mija u hamsa u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmi (€145.59). Ghalhekk, '*arbitrio boni viri*' ser jirriduci s-somma mitluba ghal tlett mija u tnejn u sittin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm362.50), ekwivalenti ghal tmien mija u erbgha u erbghin Euro u erbghin centezmi (€844.40), ghalhekk it-talba ser tigi ridotta skont il-fatturi rimanenti, u cioe' fl-ammont totali ta' sitt mija u wiehed u hamsin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm651.25), ekwivalenti ghal elf, hames mija u sbatax-il Euro (€1,517.00).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici 'in parte' u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fis-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin Euro u wiehed u disghin centezmi (€741.91) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu taz-zewg partijiet."

L-attur hassu aggravat b'din is-sentenza u talab il-modifikazzjoni taghha fis-sens illi ghandha tintlaqa' t-talba tieghu ghas-somma intiera reklamata. Essenzjalment, l-attur jiddenuncja s-sentenza b'dawn l-ilmenti principali:-

1. It-Tribunal ghamel valutazzjoni erroneja tal-provi u ma applikax kif misthoqq it-test tal-verosimiljanza u tal-konsistenza ta' l-istess provi. F'dan il-kuntest l-appellanti jissottometti illi l-ammont minnu mitlub isib gustifikazzjoni fl-ispjega minnu moghtija fl-Affidavit u fil-fatturi minnu esebiti. Konsegwentement, jiccensura lit-Tribunal fejn dan ikkummenta illi l-versjoni tieghu mhix kredibbli;

2. It-Tribunal naqas milli japplika l-principju legali li min jallega l-hlas ghandu jipprovah;

Fuq l-ewwel motiv ta' ilment din il-Qorti f'diversi decizjonijiet taghha rrilevat in linea ta' principju generali illi l-valutazzjoni ta' l-elementi ta' prova hi haga li hi rimessa fil-poter diskrezzjonali tat-tribunal adit fil-mertu, tant li dan hu liberu li jistabilixxi l-konvinciment tieghu fuq dawk il-provi li hu jhoss li huma l-aktar attendibbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.  Ara b'ezemplari s-sentenzi fl-ismijiet "**Interior Finishes Supplies Ltd -vs- Ian Tabone**", 8 ta' Gunju 2005 u "**Mark Saliba -vs- Martin Camilleri *et***", 28 ta' Frar 2007 fuq appelli lilha devoluti minn sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Fil-kaz prezenti jidher li l-konvinciment tat-Tribunal jirpoza ruhu fuq l-evalwazzjoni ta' l-elementi varji tal-provi prodotti miz-zewg partijiet, hekk minnu konsiderati fil-kumpless shih taghhom.  Kif kellu kull dritt jaghmel, huwa spigola minn dawk l-istess elementi r-rizultanzi istruttorji li deherlu l-aktar idoneji biex jiddemostraw u jissorreggu l-fatti, u, fejn deherlu opportun, akkorda prevalenza lil certa fonti ta' prova u mhux ohra.  Hekk, ad ezempju, filwaqt li hass li d-dokumenti, ossija fatturi, esebiti mill-attur ma kellux ikollhom dik l-effikacja probatorja pretiza minnu, fl-istess waqt ma deherlux li kellu jippresta fidi ghal kollox lid-dikjarazzjoni tal-konvenut illi hu kien issalda l-kont kollu;

Din il-Qorti ma tarax illi dan l-ezercizzju gie kondott malament mit-Tribunal.  Il-fatt li ddizattenda certa prova testimonajli jew dokumentali kienet haga li taqa' fil-kompitu tieghu li jaghmel u jivvaluta, kompriz f'dan l-istess process li jforni l-gudizzju tieghu fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` taghhom, u ghandhiex ukoll il-versjoni l-wahda teskludi lill-ohra jew, almenu, tinnewtralizzaha, jekk mhux ghal kollox in parte, "anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".  Ara "**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru, 1966;

Evidentement, fil-kaz odjern il-probabilita` ssuggeriet lit-Tribunal illi ma tiffavorix ghal kollox it-tezi ta' l-attur. Fl-istess waqt, li ma taccettax illi l-konvenut hallas l-ammont kollu dovut lill-attur. Dan ma jistax hlief ifisser illi, imwiezna fuq il-kejl tac-certezza morali, it-Tribunal, wisq korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, sab li z-zewg partijiet ma ssuperawx ghal kollox l-inkombenza li jsostnu b'mod komplet il-bazi tat-talba jew dik ta' l-eccezzjoni u dan kellu jirridonda fuq il-posizzjoni difensiva minnhom assunta fil-process. F'din il-perspettiva l-ewwel ilment ma jidherx li jista' jigi akkolt u, anzi, qed jigi rigettat bhala insostenibbli;

Bit-tieni ilment tieghu l-appellanti jidhirlu illi t-Tribunal ma kkunsidrax l-ipotesi specifika tal-prova legali f'materja ta' allegat pagament. Huwa difatti jikkontendi, fuq l-istregwa tal-gurisprudenza minnu citata, illi l-prova tal-pagament kienet taggrava fuq il-konvenut u dan, din il-prova baqa' ma ghamilhiex;

Ghalkemm dan il-principju hu wiehed pacifiku u ben not, huwa daqstant iehor konkordi mill-istess gurisprudenza illi l-prova tal-pagament tista' ssir b'kull mezz rikonoxxut mid-dritt probatorju. Ara "**Joe Chetcuti *et* -vs- Joseph Pearson *nomine et***", Appell, 5 ta' Ottubru, 1998. L-importanti hu li t-Tribunal ihossu sodisfatt, fl-assenza ta' debita ricevuta, illi dik il-prova l-ohra, li tista' wkoll tkun wahda testimonjali, hi sufficjentement konvincenti ghax inkella "fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx" Ara "**Giuseppe Darmanin -vs- Salvatore Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Frar, 1965 u s-sentenzi f'din riferenzjati;

Jinzel mill-atti f'dan il-kaz illi l-konvenut, kif korroborat minn ommu Helen Bonnici (fol. 48), ghamel diversi hlasijiet lill-attur izda dan ma kienx jirrilaxxjalu ricevuti. Fl-istess Affidavit tieghu l-attur jaccetta li sarulu xi pagamenti, anke jekk skond hu wara sforz u insistenza minghandu. It-Tribunal qies dan kollu, kompriz li ma

nzammetx kontabilita` serja, u wara debita riflessjoni, u bl-uzu tad-dritt ekwitattiv lilu moghti mil-ligi, iddetermina illi l-prova tal-hlas saret, izda mhux pero` ghall-ammont kollu rikjest bit-talba. Fil-hsieb tal-Qorti in bazi ghar-rizultanzi istruttorji dan il-gudizzju tat-Tribunal ma jistax jitqies wiehed difettuz li ghandu jivvizzja l-konkluzjoni raggunta. Anke allura dan it-tieni ilment qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tat-Tribunal l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------